KUNSILL LOKALI - GĦAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Għaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

# MINUTI

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ

## IT-TMIEN (8) LEĠISLATURA

***Laqgħa Numru Tnejn u Tletin (32)***

***It-Tnejn, 24 ta' Mejju, 2021***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq iltaqa' b'mod virtwali fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (5:30pm).

**PREŻENTI:**

IS-SINDKU DARREN ABELA
IL-VICI SINDKU CHRISTINE DALLI
IL-KUNSILLIERA ROSE AGIUS
IL-KUNSILLIER KEITH FENECH

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

IL-KUNSILLIER ANDREAS GATT

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

SEGRETARJU EŻEKUTTIV - FIONA CUTAJAR

## MINUTI

Is-Sindku Darren Abela ippresjeda l-laqgħa.

## 32.1 Qari ta' l-ittri tal-apoloġiji

32.1.1 Tressqet ittra ta' apoloġiji mingħand il-Kunsillier Andreas Gatt. Din l-ittra ġiet approvata.

## 32.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

32.2.1 Is-Sindku Darren Abela ressaq għall-approvazzjoni, il-Minuti tal-Laqgħa Numru 30 li nżammet nhar it-Tlieta, 13 ta' April, 2021.

32.2.2 Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 30 tqassmu minn qabel u għaldaqstant unanimament ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

32.2.3 **Mozzjoni 32-01**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa tal-Kunsill Numru 30.

Proponent: Il-Vici Sindku Christine Dalli
Sekondant: Il-Kunsillier Rose Agius

Il-Minuti Numru 30 ġew approvati unanimament.

32.2.4 Is-Sindku Darren Abela ressaq għall-approvazzjoni, il-Minuti tal-Laqgħa Urġenti Numru 31 li nżammet nhar it-Tlieta, 18 ta' Mejju, 2021.

32.2.5 Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 31 tqassmu minn qabel u għaldaqstant unanimament ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

32.2.6 **Mozzjoni 32-02**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa tal-Kunsill Numru 31.

Proponent: Il-Vici Sindku Christine Dalli
Sekondant: Il-Kunsillier Rose Agius

Il-Minuti Numru 31 ġew approvati unanimament.

## 32.3 <u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti</u>

### A. *Skeda ta' Pagamenti : Numru 32 (08) – Mejju 2021*

32.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 32(08) biċ-ċekkijiet numru 7168 kif ukoll pagamenti permezz ta' *bank transfers* b'referenza numru 9969 sa 9975 li jammontaw €1170.71

32.3.2 **Mozzjoni 32-03**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni ta' l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 32(08) bl-ammont ta' €1170.71

Proponent: Il-Kunsilliera Rose Agius

Sekondant: Il-Vici Sindku Christine Dalli

L-iSkeda ta' Pagamenti Numru 32(08) ġiet approvata unanimament.

## 32.4 <u>PA/02129/21: Proġett 'Taż-Żebbug', Triq l-Andar, Għaxaq</u>

32.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv fetħet id-diskussjoni dwar din il-materja fejn qalet li ż-żmien sabiex jintefgħu l-*objections* issa għalaq. Kien hemm diversi representations fosthom petizzjoni mill-Għaqda Mużikali Santa Marija b'ammont ta' firem li qed joġġezzjonaw għall-proġett.

32.4.2 Il-Kunsillier Keith Fenech qal li ammont sostanzjali ta' oġġezzjonijiet saru minħabba li l-isem ingħata 'Camping Area'. Għaldaqstant huwa ppropona li dan jinbidel u jsir 'Recreational Area'. Waqt laqgħa informali li nżammet ftit tal-ġranet ilu, mal-kaċċatturi kif ukoll mal-Għaqda Mużikali Santa Marija ġie diskuss il-possibilita' li l-*camping area* li hija 8% tal-proġett propost titneħħa. Dwar l-isem kif ukoll li jitneħħa l-*camping area*, il-Kunsill qabel unanimament.

32.4.3 Il-Kunsillier Keith Fenech qal ukoll li hemm bżonn ukoll tinbidel is-*siteplan* minħabba li l-*outline* huwa mmarkat ħażin. Kull struttura li hemm mmarkata fil-limiti ta' 183metru mill-kamra tan-nar, din trid titneħħa. Dwar dan, il-membri kollha preżenti qablu.

32.4.4 Il-Kunsillier Keith Fenech ippropona ukoll li jsiru marki adegwati li juri l-viċinanzi tal-Kamra tan-Nar u li min jagħmel użu mill-art li tinsab viċin il-kamra tan-Nar hija responsabbilita' tal-individwu. Dwar dan ukoll, kien hemm qbil unanimu mill-membri preżenti.

32.4.5 Il-Kunsilliera Rose Agius qalet li waqt il-Laqgħa li saret mal-kaċċaturi, kienu offrew ukoll li jagħmlu it-tindif taż-żona, iżda l-Kunsill sostna li ż-żona se tkun tal-Kunsill u għaldaqstant għandu jkun il-Kunsill li jieħu ħsiebha.

**32.5 <u>Korrispondenza</u>**

32.5.1 Irċevejna ittra mingħand studenta mill-iSkola Medja fejn flimkien ma studenti oħrajn qed jipproponu li l-Kunsill jirranġa żona li hemm Vjal il-Labour. Il-Kunsill qabel li jikteb ittra ta' ringrazzjament. Minħabba li ż-żona hija privata il-Kunsill ma tantx jista' jagħmel affarijiet iżda se jkun qiegħed jirranġaha ftit.

32.5.2 Tressqet talba sabiex il-Kunsill japplika għall-permess tal-PA biex isir il-Monument tal-Familja. Il-Kunsill qabel li għandu jiġi ppreżentat l-abbozz tal-monument qabel issir l-applikazzjoni.

32.5.3 Tressqet korrispondenza dwar talba l-appartementi l-ġodda li qed jinbnew fiż-żona l-ġdida lejn Triq il-Ħareb. Qed jitolbu sabiex issir it-triq. Il-Kunsill qal li kien hemm ftehim biex it-triq issir mill-iżviluppatur u għaldaqstant il-proprjetarja għandha tkellem lill-iżviluppatur.

32.5.4 Tressqu żewġ pagement tal-mizura 4.3 dwar xogħol li sar *extra* fi Triq Carmelo Rosario Dimech u Triq Ħas-Saptan. Is-Sindku Darren Abela spjega li minħabba l-materjal li nstab taħt it-triq, kellu jitħaxxen it-tarmak. Dawn iż-żewġ pagamenti mhumiex koperti taħt il-miżura. Il-Kunsillier Keith Fenech qal li l-Kunsill ma kienx infurmat b'dan u għaldaqstant qabel jiġi approvat għandha ssir laqgħa mal-Kuntrattur u jkun hemm il-Perit preżenti ukoll sabiex jiġu diskussi. Il-Kunsill qabel li l-pagament ta' xogħlijiet *extra* fi Triq Carmelo Rosario Dimech għandu jitħallas. L-ammont huwa ta' €1993.66

32.5.5 Tressqet ukoll l-applikazzjoni tal-Korsijiet tal-Lifelong Learning. Il-Kunsill qabel li jekk għadu fiċ-ċans, japplika għall-korsijiet tal-Bobbin Lace Making.

32.5.6 Dwar salib it-toroq fi Triq il-Belt Valletta, is-Sindku Darren Abela qal li wara li tkellem ma Infrastructure Malta, se jkunu qed jipproponu disinn ieħor kif tista' tittaffa ftit il-problema. Dan għandu jintbagħat fil-jiem li ġejjin permezz ta' *email*.

32.5.7 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-kuntratt tal-ġbir ta' skart riċiklabbli se jintemm f'Ġunju 2021 u għaldaqstant fil-jiem li ġejjin se tkun qed tinħareġ is-sejħa pubblika l-ġdida.

32.5.8 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat ukoll li inħareġ it-tender tal-*irrigation*. Għaldaqstant staqsiet min ser ikun fil-Bord tal-aġġudikazzjoni. Il-Kunsill qabel li l-membri preżenti jkunu fil-Bord tal-Evalwazzjoni.

32.5.9 Il-Vici Sindku Christine Dalli tkellmet dwar korrispondenza li rċiviet rigward l-*electric pillars*. IL-Kunsill qabel li dawn isiru fejn il-*ground* tal-*5-a-side* u oħra fejn il-*ground* tal-Kappillan.

**32.6 <u>Komunikazzjonijiet mis-Sindku</u>**

32.6.1 Is-Sindku Darren Abela qal li ġie avviċinat minn Perita fejn pproponiet li tibgħatilna stima dwar possibilita' li tiġi restawrata id-Dar tal-Bebbux. Is-Sindku Darren Abela li se jitlobha stima f'każ li jinħarġu xi fondi għar-restawr.

32.6.2 Is-Sindku Darren Abela qal reġgħu kellmuh xi residenti fi Triq il-Milwa dwar il-marki tal-parkeġġ. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill kellem diversi drabi lill-TM u jidher li l-linji qegħdin skond il-liġi. Qalet ukoll li għadna qed nistennew risposta dwar il-permess sabiex it-triq tiġi *one way.*

32.6.3 Is-Sindku Darren Abela qal li hemm żona fix-xagħri fejn qed jarmu l-iskart mhux fil-ġurnata t-tajba. Is-Sindku Darren Abela ppropona li ssir *camera.* Il-Kunsill ma qabilx li għandha ssir hemm minħabba li hawn ħafna iktar żoni li jintrema' skart b'mod abbużiv.

32.6.4 Is-Sindku Darren Abela ressaq talba sabiex issir road hump fi Triq Dun Marcell Mallia kantuniera ma Triq il-Gudja. Il-Kunsill ma qabilx li ssir minħabba li tista tkun ta' inkonvenjent.

32.6.5 Is-Sindku Darren Abela ressaq ilment dwar vetturi li qegħdin jidħlu fi Triq il-Belt Valletta biex iduru minflok jagħmlu U-Turn f'Tal-Barrani. Il-Kunsill qal li ma jistax jagħmel xejn imma din il-problema għandha tissolva meta jsir il-proġett Tal-Barrani.

32.6.6 Is-Sindku Darren Abela ppropona li bħas-snin preċedenti terġa ssir is-Summerschool tan-Nursery u l-Kunsill iħallas il-*coaches.* Dwar dan il-Kunsill qabel.

32.6.7 Is-Sindku Darren Abela qal li se jkun qed jerġa jiftaħ il-Mini Pitch għall-pubbliku.

32.6.8 Is-Sindku Darren Abela ppropona li fi Triq il-Merill issir camera minħabba l-ammont ta' skart illegali li qed jintrema. Dwar dan il-Kunsill qabel.

32.6.9 Is-Sindku Darren Abela qal li hemm siġra mejta fil-Bypass li għandha bżonn tinżabar. Is-Sindku qal li se jġib stima dwar dawn ix-xogħlijiet.

32.6.10 Is-Sindku Darren Abela ppropona li l-Kunsill jixtri ammont ta' *stationery* bl-arma tal-Kunsill biex ikun jista' jingħata bħala rikonoxximent. Is-Sindku Darren Abela ppropona l-ispiża ta' €500. Il-Kunsill qabel.

**32.7 Komunikazzjonijiet mill-Kunsilliera**

32.7.1 Il-Vici Sindku Christine Dalli staqsiet dwar id-dawl fil-Bypass faċċata tal-Monument tal-annimali. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li l-Enemalta qalu li skond huma hemm biżżejjed dawl. Għaldaqstant il-Kunsill qabel li nkellmu l-kuntrattur tagħna biex naraw tistax issir bozza mill-kuntrattur tagħna.

32.7.2 Il-Vici Sindku Christine Dalli staqsiet dwar jekk għandniex xi informazzjoni meta se ssir Triq il-Bwar, in-naħa ta' Tumbarellu. Is-Sindku Darren Abela qal li se ssir meta jitlesta l-bini.

32.7.3 Il-Kunsillier Keith Fenech fakkar dwar il-*one-way* li kellha ssir fi Triq il-Qattus. Is-Sindku Darren Abela qal li se jmur mal-ħaddiema biex titwaħħal.

32.7.4 Il-Kunsilliera Rose Agius tkellmet dwar il-possibilita' li d-dawl f'toroq ġodda jibda jiġi mgħoddi minn taħt l-art. Is-Sindku Darren Abela qal li dan il-proġett se jkun qed jibda fiċ-ċentri tal-lokal u għaldaqstant se jkun qed jinbeda mill-Pjazza.

**32.8 Mozzjonijiet**

Annessi mal-Minuti

**32.9 Aġġornament tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss**

Il-Laqgħa ġiet aġġornata għat-Tlieta 22 ta' Ġunju 2021 fil-5.30pm

Il-Laqgħa ntemmet fis-7.30pm

________________________
Fiona Cutajar
Segretarju Eżekuttiv

________________________
ikkonfermati
Darren Abela
Sindku

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 32**

**Mozzjoni Ref:** 32-01

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati il-Minuti tal-Laqgħa Numru 30

**Christine Dalli**
**Proponent**

**Rose Agius**
**Sekondant**

---

**Data:** 24 ta’ Mejju 2021

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Hal Ghaxaq – Seduta Nru 32**

**Mozzjoni Ref: 32-02**

Biex jiġu approvati il-Minuti tal-Laqgħa Numru 31

**Christine Dalli**
**Proponent**

**Rose Agius**
**Sekondant**

---

**Data:** 24 ta' Mejju 2021

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Hal Ghaxaq – Seduta Nru 32**

**Mozzjoni Ref: 32-03**

Biex tiġi approvata l-iSkeda ta' Pagamenti – Mejju 2021

| | |
|---|---|
| **Rose Agius** | **Christine Dalli** |
| **Proponent** | **Sekondant** |

**Data:** 24 ta' Mejju 2021

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**